

Avviż fuq talba rigward l-applikabbiltà tal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE**Talba ta' entità kontraenti**

(2017/C 85/06)

Fit-30 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE⁽¹⁾. L-ewwel jum tax-xogħol wara li waslet it-talba kien il-31 ta' Jannar 2017.

Din it-talba li għamliu Eneco B.V., N.V. Nuon Energy u DONG Energy, għandha x'taqsam mal-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands.

L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/25/UE jistipula li l-“kuntratti maħsuba sabiex jippermettu li ssir attività msemmija fl-Artikoli 8 sa 14 li għandha titwettaq, ma għandhomx ikunu soġġetti għal din id-Direttiva jekk l-Istat Membru jew l-entitajiet kontraenti li introduċew it-talba skont l-Artikolu 35 jistgħu juru li, fl-Istat Membru li titwettaq fih, l-attività hija direttament esposta għall-kompetizzjoni fis-swieq li għalihom mhux ristrett l-aċċess; u lanqas il-kompetizzjonijiet ta' disinn li huma organizzati sabiex titwettaq din l-attività f'dik iż-żona ġeografika ma għandhom ikunu soġġetti għal din id-Direttiva.” Il-valutazzjoni tal-esponiment dirett għall-kompetizzjoni li tista' ssir fil-kuntest tad-Direttiva 2014/25/UE hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tal-liġi tal-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha żmien stipulat ta' 105 jiem tax-xogħol li jibda jgħodd mill-jum tax-xogħol imsemmi hawn fuq, biex tieħu deċiżjoni rigward din it-talba. Għalhekk dan il-perjodu jiskadi fis-6 ta' Lulju 2017.

Skont l-Artikolu 35(5) tad-Direttiva 2014/25/UE, talbiet oħrajn li jikkonċernaw il-produzzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa tal-elettriku fin-Netherlands li jitressqu qabel jiskadi l-perjodu previst għal din it-talba, ma għandhomx jitqiesu bħala proċeduri ġodda, iżda għandhom jiġu ttrattati fil-kuntest ta' din it-talba.

⁽¹⁾ ĠUL 94, 28.3.2014, p. 243.